MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 118/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

**Preamobolu**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz wara li ppremettiet:-

1. “Illi minn relazzjoni illi l-esponenti kellha mall-intimat hija kellha wild, ossia tifla bl-isem Stacey li twieldet il-Pieta, Malta nhar is-27 ta' Jannar 2007 u li llum ghandha erbgha (4) snin.

2. Illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet ntemmet zmien ilu u sussegwentement kien qed ikun hemm nuqqas ta' qbil

dwar il-kwsitjoni tal-kura u kustodja tal-minuri kif ukoll dwar il-modalita tal-access ghall-istess minuri u dwar il-manteniment tal-istess minuri pagabbli mill-intimat lill-esponenti.

3. Illi fic-cirkostanzi partikolari tal-partijiet, b' mod specjali l-impenji rispettivi taghhom u l-attitudni xejn ko-operativa tal-intimat, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi akkoradata lill-esponent u dan unikament fl-ahjar interess tal-istess minuri u dan kif ser jirrizulta waqt it-tratazzjoni orali ta' din il-kawza.

4. Illi diversi tentattivi sabiex tintlahaq soluzzjoni amikevoli dwar dawn il-kwistjonijiet kienu inutli minhabba l-intransigenza tal-intimat.

5. Illi kien ghalhekk illi b' digriet ta' din l-Oonrabbli Qorti bin-numru 480/11 l-esponenti giet awtorizzata tipprocedi b' din il-kawza.

Talbet li din il-Qorti:-

“1. Prevja kull dikjarazzjoni opportuna fic-cirkostanzi, tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri Stacey, bint il-kontendenti tigi fdata unikament f' idejn l-omm esponenti,

2. Tordna illi l-access tal-intimat ghall-istess minuri ghandu jkun f granet u hinijiet stabbiliti minn din l-istess Onorabbli Qorti;

3. Tikkundana lill-intimat sabiex jibda jhallas dik ir-retta alimentari lill-esponenti bhala manteniment ta' binthom minuri u dan skond il-modalitajiet li jogghobha timponi din l-Onorabbli Qorti.”

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti al-attrici;

Rat ir-risposta tal-konvenut C D li permezz taghha eccepixxa u ssottometta s-segwenti:-

“1. Illi fl-ewwel lok il-gudizzju m'huwiex integru stante li l-minuri trid tkun parti in kawza u rapprezentata ghall-

inqas b'wiehed mill-genituri li jkun qed jidher f'ismu proprju u f'isem u l-interess ta' l-istess minuri;

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet rikorrenti ghanddhom ikunu michuda stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dan stante li huwa aktar fl-ahjar l nteress tal-minuri li l-kura u l-kustodja taghha tkun fdata b'mod esklussiv f'idejn l-intimat, billi l-istess intimat jista' jaghti hajja u futur ahjar lill-minuri u billi il-minuri tkun aktar ma' l-intimat milli ma' ommha;

3. Illi l-ebda retta alimentarja ma hi dovuta mill-intimat lir-rikorrenti u dan stante li il-minuri tghaddi aktar hin ma' l-intimat milli ma' l-omm kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors u l-intimat jiehu hsieb minn butu ghall-bzonnijiet kollha ta' l-istess minuri.

4. Illi l-eccipjent qieghed jipprevalixxi ruhu minn dan ir-rikors guramentat biex iressaq kontrotalba opportuna."

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha wara li ppremetta:-

"1. Illi minn relazzjoni li l-esponent kellu ma' A B, huma kellhom tifla bl-isem ta' Stacey li twieldet nhar is-27 ta' Jannar 2007;

2. Illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet zmien ilu u sal-lum il-gurnata ghad ma hemm l-ebda regolamentazzjoni dwar min ghandu jkollu kura u kustodja tal-minuri u dwar modalita ta' access lejn il-minuri u ta' manteniment;

3. Illi minhabba ic-cirkostanzi tal-hajja tal-partijiet, b'mod specjali ghall-fatt illi A B tqatta' aktar hin barra mid-dar, bil-konsegwenza li l-minuri tkun aktar ghan l-esponent jew il-genituri tieghu, billi ukoll il-genituri ta' A B mghadhomx flimkien u ommha mhux qed tkun tista izzomm il-minuri meta A B ma tkunx id-dar, bil-konsegwenza li l-minuri qed tithalla ma' persuni barranin;

4. Illi di piu, specjalment matul is-sajf li ghadda, il-minuri kienet fil-kura u kustodja ta' l-esponent kif jidher mill-anness document markat DOK AA1, liema document hija dikjarazzjoni iffirmata minn A B li qablet li l-minuri tkun dejjem ma' l-esponent;

5. Illi A B ghamlet il-kawza ghal raguni wahda biss u cioe biex tisloh il-flus minghand l-esponent taht skuza ta' manteniment, meta dan il-manteniment mhuwiex dovut billi l-minuri tkun dejjem ma' l-istess esponent;

6. Illi l-esponent ghandu relazzjoni stabbli ma' tfajla liema relazzjoni se tilhaq il-qofol taghha fi zwieg is-sena d-diehla, bl-esponent jakkwista proprjeta' qrib l-iskola tal-minuri sabiex ikun jista' jwassalha u jkun jista jilhaq mal-bzonnijiet ta' l-istess minuri;

7. Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza";

Talab li din il-Qorti:-

"1. Tiddikjara li huwa fl-ahjar interess tal-minuri Stacey D li l-kura u l-kustodja taghha tkun fdata b'mod esklussiv lill-esponent, dan okkorrendo bl-opera ta' periti nomonati minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jiddeterminaw x'inhu l-ahjar interess ta' l-istess minuri;

2 Tiffissa retta alimentarja a favur tal-minuri Stacey D u tikkundanna lil A B thallas din l-istess retta alimentarja hekk iffissata minn din l-Onorabbli Qorti lill-esponent C D, bil-modalitajiet li joghgobha tordna l-istess Onorabbli Qorti;

3 Tordna illi l-access ta ' A B versu l-minuri jkun fi granet u hinijiet stabbiliti minn din l-istess Onorabbli Qorti, wara li jittiehed kont ta' l-ahjar bzonnijiet tal-minuri."

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti pprezentati tal-konvenut.

Rat li l-attrici, ghalkemm notifikata bit-talbiet rikonvenzjonali, ma pprezentatx risposta guramentata u

ghalhekk fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali l-attrici hi kontumaci.

Rat in-nota ta’ cessjoni tat-talbiet attrici prezentata mill-Avukat tal-attrici fl-udjenza tal-24 ta’ Ottubru 2013.

Rat in-nota ta’ cessjoni tat-tieni u t-tielet talbiet rikonvenzjonali prezentata mill-Avukat tal-konvenut fl-istess udjenza.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza dwar l-ewwel talba rikonvenzjonali.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

**Azzjoni Rikonvenzjonali**.

Tenut kont li t-talbiet attrici gew ceduti fl-intier taghhom filwaqt li gew ceduti wkoll it-tieni u t-tielet talba rikonvenzjonali, jibqa’ biss li tigi deciza l-ewwel talba rikonvenzjonali li permezz taghha l-konvenut qed jitlob li l-kura u kustodja tal-minuri Stacey imwielda fis-27 ta’ Jannar 2007 tigi affidata esklussivament f’idejn il-konvenut.

**Provi**.

L-attrici ma resqitx provi f’din il-kawza u irtirat it-talbiet taghha.

Min-naha tieghu il-konvenut ipprezenta affidavit[1] fejn spjega kif l-attrici kienet harget tqila bil-minuri Stacey ftit xhur wara li l-partijiet kienu bdew johorgu flimkien. Wara t-twelid tat-tarbija r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet bdiet tiddeterjora sakemm spiccat ghal kollox.

Gradwalment l-attrici bdiet taqta’ l-kuntatt mal-minuri. Dan huwa konfermat mill-kopja ta’ messaggi permezz tal-

[1] Fol. 96

cellulari li gew ezebiti mill-konvenut kif ukoll kopji ta’ ritratti mehudin mill-facebook page tal-attrici. Minn dawn jirrizulta illi meta l-attrici kienet tibghat lill-konvenut li ma setghatx tara lit-tifla kienu jinkludu granet fejn hi kienet tohrog mal-hbieb taghha.

Dan kien zmien fejn il-familja tal-attrici ghaddiet minn diffikultajiet kagun tas-separazzjoni tal-genituri tal-attrici. L-attrici spiccat biex ma baqghatx tara lill-minuri u f’Awwissu tas-sena 2011 il-partijiet kienu ftehmu illi l-minuri kellha tabita ghand il-konvenut b’access liberu ghall-attrici.

Fl-affidavit tieghu il-konvenut jghid li l-attrici ilha ma tara lil bintha minn Awwissu tas-sena 2011 ghalkemm hu qatt ma cahhadha milli tezercita l-access ghall-minuri.

F’Awwissu tas-sena 2012 il-konvenut izzewweg. Jghid li l-mara tieghu laqghet lill-minuri qisha bintha. Jghid ukoll li d-dar li huwa u martu xtraw hadu hsieb li tkun vicin l-iskola fejn tattendi l-minuri sabiex izommuwha fl-istess ambjent. Jispjega li ghal parents’ day tal-minuri imorru hu u martu u jiehdu hsieb flimkien dak kollu li l-minuri ghandha bzonn.

Jerga’ jikkonferma li l-attrici, minn jeddha, ilha ghal dawn l-ahhar sentejn ma tara lill-minuri.

**Kosiderazzjonijiet**.

Gie sodisfacentement ippruvat mill-konvenut illi l-minuri ilha tghix mieghu ghal numru ta’ snin u llum tifforma parti mill-familja tieghu flimkien ma’ martu. Jirrizulta wkoll li l-attrici minn jeddha qatet kull kuntatt mal-minuri ghal dawn l-ahhar sentejn, wara perijodu fejn il-kuntatt mal-minuri bdiet tnaqsu gradwalment u tiddedika aktar hin ghal hrug mal-hbieb.

Mill-ezami tal-provi migbura, li ma gew bl-ebda mod kontradetti jew kontestati, il-Qorti hi tal-fehma li huwa fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u kustodja taghha tkun affidata esklussivament b’idejn missierha.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa’ l-ewwel talba rikonvenzjonali tal-konvenut, u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Stacey imwielda fis-27 ta’ Jannar 2007 tkun affidata esklussivament f’idejn missierha, il-konvenut C D, li mieghu ghandha wkoll tirrisjedi.

Fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------